27 ta' April, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Edward Lewis Galea et. *versus* Avv. Dr. Edoardo Vassallo ne. (*)

**Appell — Deżerzjoni — Trattazzjoni tal-Kawża — Art. 207 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-fakoltà konċessa mill-liġi lill-Qorti li tiddikjara deżerta fl-appell il-kawża meta jonqsu li jidhru l-appellant jew id-difensur tiegħu ma hix ċirkoskritta għal xi stadju tal-proċeduri; u għalhekk dik id-deżerzjoni tista' tiġi dikjarata anki fl-istadju li fih il-kawża tkun ġà ġiet trattata u tkun ġiet differita għas-sentenza.*

*Meta t-trattazzjoni tal-kawża tkun saret quddiem il-Qorti, huwa loġiku li dik it-trattazzjoni għandha tirripeti ruħha meta l-kostituzzjoni tal-Qorti tiġi mibdula.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem din il-Qorti, fejn l-atturi, wara li ppremettew illi fil-kawża pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell bejn il-kontendenti in nomi invertiti l-istess Qorti, b'digriet taś-27 ta' Ottubru 1952, iddikjarat deżert l-appell interpost mill-atturi (f'dik il-kawża), fuq il-motiv li meta ġiet imsejħa l-kawża ma dehrux l-appellanti Galea u Debono u lanqas id-difensur tagħhom, a norma tad-dispost bl-art. 207 (3) Kodiċi Proċedura; u li, peress li meta ġie mogħti dak id-digriet l-appellant Tommaso Debono kien ġa ttratta l-kawża fis-seduta tal-5 ta' Marzu 1951, fl-istess seduta rrisponda Dottor Albert Ganado għall-appellati aħwa Galea kif rappreżentati u personalment (verbal a fol. 58 tal-proċess), l-appellant Edward Lewis Galea ttratta l-kawża fis-seduta tad-19 ta' Novembru 1951 (fol. 60); u peress illi fis-seduta sussegwenti la l-appellanti u lanqas id-difensuri tagħhom ma dehru; u peress ili, a norma ta' l-art. 205 (b) kombinat ma' l-art. 200 Kodiċi Proċedura, l-appellant jista' jirreplika, u kwindi għandu l-fakoltà, u mhux l-obligu, li jidher fis-seduta biex jirreplika, u l-fatt li huwa ma jkunx deher

(*) B'digriet tad-19 ta' Ġunju, 1953 ġie mogħti lill-konvenuti l-permess kondizzjonali biex jagħmlu appell minn din is-sentenza quddiem il-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat.

biex jagħmel ir-replika jgib miegħu l-preżunzjoni li huwa jkun irrinunzja għar-replika u llimita l-espożizzjoni tal-każ għat-trattazzjoni li jkun ġa għamel; talbu li, għall-motivi premessi, u motivi oħrajn skond il-liġi, jiġi minn dina l-Qorti revokat id-digriet ta' deżerzjoni minnha mogħti fis-27 ta' Ottubru 1952; bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni lill-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat fil-fol. 7 n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Jolanda, Etienne u Gaston, aħwa Galea, li, in linea preliminari, u mingħajr preġudizzju tal-meritu, eċċepew illi l-atturi mhumiex qegħdin jaġixxu fil-forma preskritta mil-liġi, u li din il-Qorti ma tistax tirrevoka d-digriet tad-deżerzjoni mogħti fis-27 ta' Ottubru 1952, għaliex l-atturi ma osservawx id-dispost ta' l-art. 207 (3) tal-Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat fil-fol. 8 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dottor Vassallo nomine, li assoċja ruħu ma' l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuti l-oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti;

Illi, għar-raġunijiet żvolti fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Novembru 1950 in re "Mizzi vs. Chapman", li għaliha qiegħda ssir riferenza, l-imsemmija eċċezzjoni ma tidherx bażata, u ma għandhiex tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi b'digriet tas-27 ta' Ottubru 1952 din il-Qorti ddikjarat deżert l-appell interpost mill-atturi f'din il-kawża u fil-kawża l-oħra (numru 350/1950), billi, meta ġiet imsejħa l-kawża għal tliet darbiet, ma deħrux la l-appellanti u lanqas id-difensuri tagħhom, u dan a norma ta' l-art. 207 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-fakoltà konċessa lill-Qorti b'dina d-dispożizzjoni tal-liġi mhix ċirkoskritta jew limitata għal xi stadju tal-proċeduri; tant li din il-Qorti (Vol. VI, pag. 101-102), f'każ ta' appell minn żewġ konvenuti, iddikjarat deżert l-appell fil-konfront ta' wieħed minnhom minħabba li ma deherx, wara li ġiet imsejħa għal tliet darbiet, u fl-istess ħin tat is-sentenza fuq l-appell tal-konvenut l-ieħor. Jidher, għalhekk, li dik id-deżerzjoni ġiet dekretata

dak in-nhar stess li kellha tingħata s-sentenza, u preżumibilment wara li l-kawża kienet ġiet trattata u mħollija għas-sentenza (ara wkoll każ ieħor simili, riportat fil-*Vol.* VI, paġ. 175). Apparti minn dan, hemm lok li jiġi rilevat li fil-każ in ispeċje t-trattazzjoni ta' l-appell qatt ma saret quddiem il-Qorti kif kienet kostitwita meta ġie mogħti l-imsemmi digriet ta' deżerzjoni tas-27 ta' Ottubru 1952, u kif għadha kostitwita l-lum; u huwa notorju u loġiku li t-trattazzjoni, jekk tkun saret, għandha tirripeti ruħha meta l-kostituzzjoni tal-Qorti tiġi mibdula;

Ikkunsidrat;

Illi, in bażi għal dak li ntqal fuq, it-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni ma tistax tiġi milqugħa;

Għaldaqshekk;

*Tiddeċidi* billi *tirrespinġi* l-*eċċezzjoni preliminari* opposta mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u billi tirrespinġi t-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-atturi.